MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 647/2005

**Joseph Farrugia (K.I. Nru. 366559 M)**

**vs**

**Alfred Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Marzu 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u erbghin lira Maltija (Lm440) rapprezentanti bilanc minn somma akbar kif ghandu jirrizulta dovuta mill-konvenut skond skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu esebita u markata Dok B;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru 2004 (Dok C) u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal--attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment il-fatt li giet prezentata nota ta' riduzzjoni mill-attur ghal Lm360 fl-10 ta Gunju 2005;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba kif ridotta ghal Lm360 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-precitata ittra ufficjali Dok C u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------